Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 290/2019: NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED (C85780) V. RODRICK LIA (ID. 470882M)

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' No Deposit Cars Malta Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2019,

wara li rat l-Ordni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha *inter alia* l-Qorti tat lil Rodrick Lia ("l-intimat") għoxrin (20) ġurnata ċans min-notifika sabiex jippreżenta risposta,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bir-rikors u bl-atti relattivi fis-7 ta' Lulju 2020 (ossia' tlett ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali[1]),

wara li rat illi l-intimat baqa' ma' daħħal l-ebda risposta u naqas milli jidher għas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020,

wara li rat l-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat ippreżentat mill-kumpanija rikorrenti fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020,

wara li rat illi l-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020,

wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 42

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob il-ħlas tas-somma ta' ħdax il-elf mitejn u sittin euro (€11,260) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Honda Fit targata JBX 643, liema vettura ġiet akkwistata mill-intimat permezz ta' kuntratt *hire and purchase* bejn il-partijiet datat ħamsa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019).[2]

2. Din il-Qorti sussegwentement ħarġet Ordni *in camera* fis-17 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha *inter alia* tat lill-intimat għoxrin (20) ġurnata ċans min-notifika sabiex jippreżenta risposta.

3. L-intimat ġie notifikat bir-rikors u l-atti relattivi fis-7 ta' Lulju 2020 (ossia' tlett ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali[3]).

4. L-intimat baqa' ma' daħħal l-ebda risposta.

5. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020 l-intimat ma' deherx u għalhekk il-kumpanija rikorrenti ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat liema kapitolu ġie approvat mill-Qorti. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimat għad-19 ta' Ottubru 2020.

6. L-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020 u dan sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

*Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għal din il-kawża*

7. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

   'Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'

8. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

---

[2] Fol. 1
[3] Fol 42

'Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'

9. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'

10. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

'699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.

(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'

11. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

'Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'

12. It-talba għas-subizzjoni tal-intimat saret mill-kumpanija rikorrenti matul is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020.

13. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

'il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra li ma jkunx aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tas-seduta … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'

14. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020 sabiex l-intimat iwieġeb għad-domanda tal-kumpanija rikorrenti.

15. Meta fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020 l-intimat naqas għal darb' oħra milli jidher sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti huwa effettivament ammetta illi huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

16. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

"*din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

17. Il-Qorti hija sodisfatta għalhekk li t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija ben fondata u jistħoqqilha tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan li:**
    1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' ħdax il-elf mitejn u sittin euro (€11,260) rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Honda Fit targata JBX 643, liema vettura ġiet akkwistata mill-intimat permezz ta' kuntratt hire and purchase bejn il-partijiet datat ħamsa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019).**
    2. **Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax fuq tali ammont dekoribbli mis-7 ta' Lulju 2020 sad-data tal-effettiv pagament.**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż dawn għandhom jitqiesu li ġew mitluba ai termini tal-Art. 177 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għandhom jkunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur